# IR-RUŻARJU

*fil-familja u għall-familja*



Fr Hayden

Imprimi Potest
Florianae,
die 19[a] martii 2011
Fr Emanuel Barbara
Min. Prov. OFMCap

Nihil Obstat
die 25[a] martii 2011
sac. Hector Scerri
Cens. Theol.

Imprimatur
Daum in Curia Archiep.
Melit, Florianae,
die 26[a] martii 2011
† Annetto Depasquale
Ep. Tit. Araditan
Vicarius Generalis

www.frhayden.org

# INTRODUZZJONI

Fit-18 t'April 2010, meta ġie jżurha l-Qdusija Tiegħu il-Papa Benedittu XVI, f'riġlejn ix-xbieha tal-Madonna ta' Pinu wara l-quddiesa li saret fuq il-Fosos tal-Furjana, il-Papa ppreżenta warda tad-deheb lill-Madonna u fl-istess ħin wasslilna dan il-messaġġ:

> "Meta intom tirringrazzjaw, meta jkollkom intenzjonijiet partikolari tat-talb, u meta titolbu l-protezzjoni tas-Sema għall-maħbubin tagħkom, hija d-drawwa tagħkom li dduru lejn l-Imqaddsa Verġni Marija, Omm il-Knisja u Omm tagħna. Jien naf bid-devozzjoni partikolari tal-poplu Malti lejn Omm Alla, espressa b'fervur kbir lill-Madonna ta' Pinu, u għalhekk għandi pjaċir nieħu l-okkażjoni biex nitlob quddiem ix-xbieha tagħha miġjuba hawn apposta minn Għawdex għal din l-okkażjoni. Jien nieħu wkoll pjaċir nippreżenta warda tad-deheb lilha, bħala sinjal tal-imħabba filjali li naqsmu lejn Omm Alla. Nitlobkom b'mod partikolari li titolbuha taħt it-titlu "Sultana tal-Familja", titlu miżjud mal-Litanija ta' Loreto mill-maħbub predeċessur tiegħi, il-Papa Ġwanni Pawlu II, li f'aktar minn okkażjoni waħda żar dawn ix-xtut."

Bħala komunità Nisranija f'Malta, jeħtieġ li nilqgħu l-istedina tal-Vigarju ta' Kristu fostna biex nitolbu lil Marija, b'mod partikolari bħala s-*Sultana tal-Familja*. Forsi l-isbaħ mod kif aħna nistgħu nilqgħu din l-istedina hija billi nitolbu r-rużarju fil-familja u għall-familja. Din kienet it-tħeġġiġa ta' Ġwanni Pawlu II fis-sena ddedikata lir-rużarju (2002-2003).

# TAGĦLIM DWAR IR-RUŻARJU

**Ir-Rużarju: Talba rilevanti għal żminijietna**

Fl-okkażjoni tas-sena tar-rużarju, Ġwanni Pawlu II kien ippubblika l-ittra appostolika *Rosarium Virginis Mariae* (*RVM*). Il-Papa jiftaħ din l-ittra appostolika billi jgħid li r-rużarju, li ġie msawwar fit-tieni millenju tal-Kristjaneżmu "taħt it-tmexxija tal-Ispirtu ta' Alla, huwa talba maħbuba minn għadd bla qies ta' qaddisin u nkuraġġita mill-Maġisteru" (RVM 1). Huwa stess jistqarr li r-rużarju kien it-talba favorita tiegħu (ara RVM 2).

Il-Papa jagħmel referenza għall-"kriżi tar-rużarju, li fil-kuntest preżenti, storiku u teoloġiku, jista' jissogra li jitnaqqas is-siwi tiegħu, u għalhekk rari jiġi mgħallem lill-ġenerazzjonijiet ġodda" (RVM 4). Il-Papa jirreferi b'mod partikolari għal tendenzi li jnaqqsu r-rilevanza tar-rużarju minħabba l-liturġija u l-ekumeniżmu. Huwa jgħallem li r-rużarju ma jmurx kontra l-liturġija iżda jsaħħaħha. Lanqas ma jmur kontra l-ekumeniżmu għax ir-rużarju, għalkemm huwa talba li għandha xejra Marjana, fil-qalba tiegħu huwa talba kristoċentrika jiġifieri, huwa Ġesù li huwa fiċ-ċentru u mhux Marija. Bir-rużarju, wieħed jissieħeb fl-iskola ta' Marija biex jikkontempla 'l-wiċċ ta' Ġesù u jagħmel esperjenza tal-kobor bla qjies tal-imħabba tiegħu (ara RVM 1).

Il-Papa jgħid li din it-talba għadha rilevanti fi żminijietna wkoll. Fis-sempliċità u l-profondità tagħha ġġib frott ta' qdusija (ara RVM 1). Huwa jpoġġilna lil San Piju minn Pietrelċina, San Alwiġi Marija Grignion de Montfort u l-Beatu Bartolo Longo fost bosta qaddisin li fir-rużarju "sabu triq vera biex jikbru fil-qdusija" (RVM 8).

**Ir-Ružarju: Talba għal qalb il-Madonna**

Fi kliem Ġwanni Pawlu II, "ħafna sinjali juru li sal-lum il-Verġni mbierka tixtieq li b'din it-talba turi l-ħsieb tagħha ta' omm tal-ulied kollha tal-Knisja li fdalha l-Feddej fuq is-salib fil-persuna tad-dixxiplu l-maħbub: 'Mara, hawn hu ibnek' (Ġw 19, 26). Kulħadd jaf tajjeb bil-ġrajjiet fis-seklu dsatax u għoxrin li fihom l-Omm ta' Kristu wriet ruħha u semmgħet leħinha biex tħeġġeġ lill-poplu ta' Alla għal din l-għamla ta' talba kontemplattiva. L-aktar li nixtieq insemmi, minħabba l-effet kbir fuq il-ħajja tal-Insara u minħabba l-għarfien awtorevoli li kellhom mill-Knisja, huma d-dehriet ta' Lourdes u ta' Fatima" (RVM 7). Dal-kliem tal-Papa jurina kemm ir-ružarju huwa talba għal qalb il-Madonna.

**Ir-Ružarju: Ma' Marija nikkontemplaw lil Kristu**

Ir-raġuni l-aktar importanti għalfejn Ġwanni Pawlu II ħeġġeġ ir-ružarju hija li huwa mezz l-aktar qawwi għall-kontemplazzjoni tal-misteru Nisrani (ara RVM 5). Bħala Nsara, aħna mħeġġin biex naħsbu u nikkontemplaw il-persuna għażiża ta' Ġesù (ara RVM 9). B'kontemplazzjoni nifhmu li nħallu l-Ispirtu s-Santu jlaqqagħna ma' Ġesù ħaj waqt li naħsbu f'Ġesù.

Marija hija x-xempju perfett ta' din il-kontemplazzjoni: "Ħadd ma kien mogħti għall-kontemplazzjoni ta' Kristu hekk fedelment daqs Marija" (RVM 10) għax hija għexet b'ħarsitha dejjem fuq Kristu. Hija għexet bit-tifkiriet ta' Ġesù dejjem stampati f'qalbha. "B'xi mod dawk it-tifkiriet kellhom ikunu r-'ružarju' li hija kienet titlob bla waqfien f'ħajjitha" (RVM 11).

*Ma' Marija niftakru fi Kristu*

Ir-ružarju, għax jitlaq mill-esperjenza ta' Marija, huwa talba kontemplattiva. Mingħajr dan is-sens ta' kontemplazzjoni ta' Kristu, ir-ružarju jitlef it-tifsira tiegħu u jsir ripetizzjoni mekkanika ta' formoli. Ġwanni Pawlu II għallem li l-kontemplazzjoni ta' Marija hija tifkira, mhux fis-sens li nfakkru l-passat imma fis-sens bibliku, tifsira li ġġedded u tagħmel preżenti l-għemejjel ta' Alla fl-istorja tas-salvazzjoni. Mela meta wieħed qed jimmedita lil Kristu u jiftakar fih flimkien ma' Marija fir-ružarju, b'xi mod wieħed ikun qed jinfetaħ għall-grazzji li Ġesù jrid jagħtina bil-misteri ta' ħajtu (ara RVM 13).

*Nitgħallmu lil Kristu mingħand Marija*

Bit-talba tar-ružarju, Marija tgħinna nitgħallmu lil Kristu għax, fost il-ħlejjaq, ħadd ma jaf lil Kristu aktar minn Marija Ommnu: "[li] tikkontempla x-xeni tar-ružarju f'għaqda ma' Marija huwa mezz biex titgħallem minnha ħalli tifhem lil Kristu, tiskopri s-sigrieti tiegħu u tifhem il-messaġġ tiegħu" (RVM 14). F'din l-iskola tagħha, Marija "tiksbilna bil-kotra d-doni tal-Ispirtu s-Santu" (RVM 14).

*Ma' Marija nsiru nixbhu lil Kristu*

Ġwanni Pawlu II għallem li l-għan tagħna bħala Nsara huwa li nsiru nixbhu lil Ġesù. Din l-għaqda u xebh ma' Kristu, l-Ispirtu s-Santu bdiha fina fil-Magħmudija iżda din titkompla fina fil-ħajja Nisranija tagħna. It-talba tar-rużarju tidħol f'dan il-proċess. Bit-talba tar-rużarju, waqt li nimmeditaw il-misteri tal-ħajja ta' Ġesù, aħna nsiru nixbhuh f'intimità li l-Papa jfissirha bħala ħbiberija (ara RVM 15).

F'dan kollu, ir-rużarju joħodna qrib Marija hija u tħares lil Kristu waqt li jikber bħala bniedem fid-dar ta' Nazaret. B'hekk, Marija tħarriġna u tkabbarna fis-sens ta' mħabba u għaqda ma' Ġesù, hekk kif hi kienet magħquda miegħu. "Qatt daqskemm fir-rużarju l-ħajja ta' Kristu u ta' Marija ma jidhru magħqudin hekk fil-fond. Marija tgħix biss fi Kristu u għal Kristu!" (RVM 15).

*Ma' Marija nitolbu lil Kristu*

Kristu wegħidna: "Itolbu, u jingħatalkom; fittxu, u ssibu; ħabbtu, u jiftħulkom" (Mt 7, 7). Bit-talba tar-rużarju, Marija tidħol għalina, li ma nafux nitolbu kif imiss, bit-talb tagħha ta' Omm. "It-talba tal-Knisja hija msaħħa bit-talb ta' Marija" (*Katekiżmu tal-Knisja Kattolika* 2679).

F'dan id-dawl, Ġwanni Pawlu II jispjega li r-rużarju huwa supplika: "it-talb bla waqfien lill-Omm Alla ġej mit-tama li l-interċessjoni materna tagħha taqlagħlna kollox mill-qalb ta' Binha" (RVM 16). Mela fir-rużarju, Marija titlob magħna u għalina.

*Ma' Marija nħabbru lil Kristu*

Meta wieħed jagħraf lil Kristu bit-talba tar-rużarju, huwa jfittex li jwassal lil Kristu lil ħaddieħor. Hekk tagħmel Marija stess fit-talba tar-rużarju: "il-Verġni tar-Rużarju tissokkta bil-ħidma tagħha li tħabbar lil Kristu" (RVM 17).

Ġwanni Pawlu II jfakkarna kif l-istorja tar-rużarju turi kif din it-talba ġiet użata fi żmien diffiċli għall-Knisja minħabba t-tixrid tal-ereżija. Huwa jtenni li "illum qegħdin inħabbtu wiċċna ma' sfidi ġodda. Il-għala m'għandniex nerġgħu nieħdu f'idejna r-rużarju bl-istess fidi ta' dawk li ġew qabilna? Ir-rużarju għad għandu l-qawwa kollha tiegħu u jkompli jkun għajn pastorali ta' siwi kbir għal kull xandar tajjeb tal-Evanġelju" (RVM 17).

**Ir-Rużarju: Misteri ta' Kristu – Misteri ta' Ommu Marija u tal-bniedem**

Il-qalba tar-rużarju huwa l-misteru ta' Ġesù li nikkontemplawh f'diversi mumenti tal-ħajja tiegħu. Għaldaqstant, kif darba qal Pawlu VI, ir-rużarju huwa l-ġabra tal-Evanġelju fil-qosor. Ġwanni Pawlu II ppropona li mal-misteri tradizzjonali tal-ferħ, tat-tbatija u tal-glorja jiżdiedu l-misteri tad-dawl sabiex nikkontemplaw lil Ġesù fil-ħajja pubblika tiegħu. B'hekk jidher aktar ċar li r-rużarju huwa talba kristoloġika, jiġifieri li għandha fiċ-ċentru lil Ġesù u jurina dak li huwa essenzjali dwaru (ara RVM

19). F'dan id-dawl ir-rużarju "jwassal bla diffikultà għall-għarfien profond u interjuri ta' Kristu" (RVM 24).

Din it-triq biex nagħrfu lil Kristu, Ġwanni Pawlu II jsejħilha "it-triq ta' Marija. Hija t-triq tal-eżempju tal-Verġni ta' Nazaret, mara ta' fidi, ta' ġabra, ta' smigħ. Hija wkoll it-triq tad-devozzjoni Marjana mnebbħa minn fehma ta' għaqda li ma tistax tinħall bejn Kristu u l-Omm qaddisa tiegħu: il-misteri ta' Kristu huma wkoll b'xi mod il-misteri ta' Ommu, anki meta huma ma jdaħħluhiex direttament, għax hija tgħix minnu u bih" (RVM 24).

F'dan id-dawl wieħed jifhem ukoll għaliex il-Papa jiddiskrivi r-rużarju bħala eku tat-talba ta' Marija. Huwa l-*Magnificat* dejjiemi tagħha għall-ħidma tal-Inkarnazzjoni fejjieda li bdiet fil-ġuf tagħha (ara RVM 1).

Ġwanni Pawlu II jtenni wkoll li "t-talba sempliċi tar-rużarju tħabbat mar-ritmu tal-ħajja tal-bniedem" (RVM 25). B'dan irid ifisser li jekk nimmeditaw tajjeb il-misteri tar-rużarju, dawn jagħtuna dawl fuq il-misteru u l-ħajja tal-bniedem. Meta wieħed jikkontempla t-twelid ta' Kristu jitgħallem il-qdusija tal-ħajja; il-ħajja ta' Nazaret tgħallimna l-verità dwar il-familja fil-pjan ta' Alla; it-tagħlim ta' Kristu fil-ħajja pubblika tiegħu huwa dawl biex wieħed jidħol fis-Saltna ta' Alla; il-meditazzjoni tat-tbatija ta' Kristu tgħin biex wieħed jifhem is-sens tat-tbatija f'ħajtu bħala tbatija salvifika; fi Kristu glorjuż wieħed jifhem l-għan ta' ħajtu.

Fl-istess ħin, "nitolbu bir-rużarju jfisser ngħaddu t-toqol tagħna għall-qlub ħanina ta' Kristu u ta' Ommu" (RVM 25).

**Ir-Rużarju: Talba li twaħħadna ma' Kristu**

Ir-rużarju huwa talba li tgħaqqadna ma' Ġesù waqt li naħsbu fil-misteri ta' ħajtu. Dan iseħħ b'metodu partikolari (ara RVM 27-28).

Fil-bidu ta' kull posta jitħabbar dejjem il-misteru. Il-Papa jħeġġeġ sabiex nużaw xi ħaġa li tgħin lis-sensi tagħna jikkonċentraw fuq il-misteru partikolari, pereżempju xi ikona jew xbieha (ara RVM 29). Biex jgħin lit-tħabbira tal-misteru, il-Papa jissuġġerixxi li tinqara silta mill-Bibbja li jkollha x'taqsam mal-misteru. B'hekk ir-rużarju jsir meditazzjoni biblika (ara RVM 30). Wara dan huwa xieraq li jkun hemm waqfa ta' skiet biex il-moħħ ikun jista' jikkonċentra fuq il-misteru (ara RVM 31).

Wara s-smigħ tal-Kelma u l-konċentrazzjoni hija naturali li wieħed idur lejn il-Missier fit-talba tal-*Missierna*, għax Ġesù joħodna għand il-Missier. Din it-talba fir-rużarju tgħinna nagħmlu l-esperjenza li aħna lkoll ulied Missier wieħed. B'hekk, anke jekk titlob ir-rużarju waħdek, tkun qed tingħaqad mal-bqija tal-Knisja (ara RVM 32).

L-aktar element importanti fir-rużarju hija r-repetizzjoni tal-*Ave Marija*. Din tagħmel mir-rużarju l-ogħla talba Marjana. Dwar din ir-repetizzjoni, Ġwanni Pawlu II għallem: "Jekk din ir-repetizzjoni nqisuha superfiċjalment, jista' jkun hemm it-tentazzjoni li tħares lejn ir-rużarju bħala talba bla fejda li ddejqek. Imma hija għal kollox differenti meta r-rużarju tħares lejh bħala espressjoni ta' dik l-imħabba li ma tgħeja qatt tmur lura fuq il-persuna maħbuba bi kliem ta' tqanqil il-qalb li, għalkemm jixxiebah fid-dehra, huma dejjem ġodda fis-sentiment li jimliehom… . Biex jifhem ir-

rużarju, wieħed jeħtieġlu jidħol fid-dinamika psikoloġika li għandha x'taqsam mal-imħabba" (RVM 26).

Għalkemm ir-repetizzjoni tal-*Ave Marija* hija magħmula direttament lil Marija, magħha u permezz tagħha dan l-att ta' mħabba hu magħmul lil Ġesù (ara RVM 26). Fil-fatt, skont Ġwanni Pawlu II, "is-sinjal li t-talba tar-rużarju qiegħda ssir bis-sens u b'mod li tħalli l-ġid huwa sewwasew il-fatt li tingħata importanza kbira lill-isem ta' Ġesù u l-misteri tiegħu" (RVM 33). B'hekk ir-rużarju jgħinna biex dejjem insiru nixbhu aktar lil Kristu sakemm naslu għall-vera qdusija (ara RVM 26).

Il-*Glorja* fl-aħħar ta' kull misteru twassalna fil-quċċata tal-ħajja Nisranija: it-Trinità Qaddisa. Din tista' titkanta biex wieħed juri l-importanza tagħha (ara RVM 34).

Il-Papa jikkummenta wkoll dwar il-kuruna tar-rużarju. Huwa jgħid li hija mhix biss għajnuna biex wieħed jitlob ir-rużarju imma bil-kurċifiss fit-tarf tagħha tfakkarna wkoll kif Kristu huwa ċ-ċentru tar-rużarju u kif kollox miexi lejh. Imnebbaħ mill-Beatu Bartolo Longo, huwa jgħid li l-kuruna hija katina li tgħaqqadna ma' Alla. Fl-istess ħin tfakkarna wkoll fil-ħafna relazzjonijiet li hemm bejnietna fi Kristu fil-Knisja (ara RVM 36).

It-talba għall-fehma tal-Papa twessa' 'l-qalb u t-talb tagħna għall-ħtiġijiet kollha tal-Knisja. "Huwa sewwasew biex tħeġġeġ din id-dimensjoni ekklezjali tar-rużarju li l-Knisja rat opportun tagħti l-indulġenzi lil dawk li jitolbu skont id-dispożizzjoni meħtieġa" (RVM 37).

Meta nitolbu r-rużarju b'dal-mod, ir-rużarju jsir mixja spiritwali li fih Marija ġġib ruħha ta' Omm, Għalliema u Gwida, u ssaħħaħna lkoll bl-interċessjoni setgħana tagħha. Din l-esperjenza twassalna għas-*Salve Regina* u l-*Litanija tal-Madonna* (ara RVM 37).

Ġwanni Pawlu II għallem li r-rużarju wieħed jista' jgħidu kollu kuljum, l-aktar dawk li għandhom aktar ħin għad-dispożizzjoni tagħhom bħalma huma l-persuni li jgħixu ħajja kontemplattiva, il-morda u l-anzjani. Iżda huwa għaraf li dan mhux possibbli għal kulħadd u għalhekk ħeġġeġ sabiex it-Tnejn u s-Sibt nitolbu l-misteri tal-ferħ, it-Tlieta u l-Ġimgħa l-misteri tat-tbatija, l-Erbgħa u l-Ħadd il-misteri tal-glorja, u l-Ħamis il-misteri tad-dawl (ara RVM 38).

**Ir-Rużarju: Talba li tikseb kotra kbira ta' grazzji**

Ġwanni Pawlu II għallem li bir-rużarju aħna niksbu kotra kbira ta' grazzji, daqslikieku niksbuha mill-idejn stess tal-Madonna (ara RVM 1) u li l-"Knisja dejjem attribwiet effikaċja partikolari lil din it-talba, hija u tafda l-problemi l-aktar diffiċli lir-Rużarju, lit-talba korali tiegħu u 'l-prattika kostanti tiegħu. Fi żminijiet meta l-Kristjanità nnifisha kienet tidher mhedda, il-ħelsien tagħha kien attribwit lis-setgħa ta' din it-talba, u Sidtna Marija tar-rużarju ġiet milqugħa bil-ferħ bħala dik li l-interċessjoni tagħha kisbet is-salvazzjoni. Illum minn qalbi nafda lis-setgħa ta' din t-talba… il-kawża tal-paċi u dik tal-familja" (RVM 39).

*Ir-Rużarju: Talba għall-Paċi*

Ġwanni Pawlu II sostna li "għadd ta' ċirkostanzi storiċi jagħmlu f'waqtu l-qawmien mill-ġdid tar-rużarju" (RVM 6). Fost dawn iċ-ċirkostanzi, huwa jsemmi l-paċi u l-familja.

Il-Papa jagħmel referenza għall-attakk tal-biża' tal-11 ta' Settembru 2001 u atti ta' vjolenza fi bnadi oħra madwar id-dinja (ara RVM 6). Huwa jtenni li dawn "l-isfidi serji li magħhom qed tħabbat wiċċha d-dinja ta' dan il-millenju l-ġdid qed iġegħluna naħsbu li, biss b'intervent minn fuq li għandu l-ħila jmexxi l-qlub ta' dawk li qed jgħixu f'sitwazzjonijiet ta' konflitt u dawk li jmexxu d-destin tal-ġnus, nistgħu nittamaw f'ġejjieni aktar imdawwal" (RVM 40).

Huwa ħalla dan "l-intervent minn fuq" fit-talba tar-rużarju bħala talba għall-paċi. Dan għaliex (ara RVM 40):

- ir-rużarju huwa kontemplazzjoni ta' Kristu li huwa l-"paċi tagħna" (Efes 2, 14),
- ir-rużarju jġib miegħu effett ta' paċi fuq dawk li jitolbuh, iħeġġiġhom biex jirċievu u jesprimu l-paċi u jwassalhom sabiex ixerrdu madwarhom il-paċi li ġejja minn Kristu Rxoxt,
- ir-rużarju jġib miegħu frott ta' mħabba minħabba li r-rużarju jlaqqagħna ma' Kristu u jiġbdilna l-attenzjoni għal wiċċ Kristu fl-oħrajn.

F'kelma waħda, Ġwanni Pawlu II jinsisti li "r-rużarju jagħmel minna bennejja ta' paċi fid-dinja… . Ir-rużarju jħallina nittamaw li anki llum, il-'battalja' diffiċli għall-paċi tista' tintrebaħ. 'Il bogħod milli jkun ħarba mill-problemi tad-dinja, ir-rużarju jqanqalna biex inħarsu lejhom b'għajnejn responsabbli u ġenerużi, u jagħtina l-qawwa biex induru lejhom ċerti mill-għajnuna ta' Alla u b'fehma sħiħa li f'kull ċirkustanza nagħtu xhieda għall-'imħabba li hi l-qofol tal-perfezzjoni' (Kol 3, 14)" (RVM 40).

*Ir-Rużarju: Talba tal-Familja u għall-Familja*

"Bħala talba għall-paċi, ir-rużarju huwa wkoll, u kien minn dejjem, talba ta' u għall-familja" (RVM 41). L-esperjenza turi li r-rużarju huwa effettiv biex jiġbor 'il-familja flimkien.

Ġwanni Pawlu II ppropona li f'dan iż-żmien meta l-familja qed tħabbat wiċċha ma' ħafna problemi ta' komunikazzjoni bejn il-membri tagħha minħabba n-nuqqas ta' ħin u minħabba li meta dan ikun possibbli dawn jispiċċaw jaraw it-televiżjoni, il-familja trid timla l-ħajja ta' kuljum bi xbihat differenti minn dawk tat-televiżjoni. Dawn huma x-xbihat ta' Ġesù u Marija fit-talba tar-rużarju (ara RVM 41).

Il-Papa ma naqasx milli jsemmi l-ulied u l-inkwiet li l-ġenituri jgħaddu minnu minħabba l-perikli li uliedhom iġarrbu fi żminijietna: "Xi drabi l-ġenituri jħossuhom diżappuntati ħafna għall-falliment ta' wliedhom quddiem il-qerq tal-kultura tad-drogi, it-tħajjir għall-pjaċir bla rażan, it-tentazzjoni għall-vjolenza u l-ħafna espressjonijiet ta' dak li hu bla sens u disperazzjoni" (RVM 42).

Quddiem dan kollu, Ġwanni Pawlu II ħeġġeġ lill-ġenituri biex jitolbu r-rużarju għat-tfal u mat-tfal minn età bikrija. Minkejja li din mhix soluzzjoni għal kull problema,

ir-rużarju huwa għajnuna spiritwali li m'għandhiex tiġi stmata inqas milli ħaqqha jew li tiġi mwarrba (ara RVM 42).

Quddiem oġġezzjoni komuni dwar ir-rużarju jiġifieri, li r-rużarju huwa talba li ma taqbilx mal-gosti tat-tfal u ż-żgħażagħ, il-Papa jħeġġeġ biex insibu metodi mħeġġin u kreattivi ta' kif jistgħu jitolbu r-rużarju. Huwa jistaqsi: "Għalfejn ma nippruvawx?" (RVM 42).

Il-Papa jiddiskrivi l-familja li flimkien titlob ir-rużarju bħala "xbieha tal-atmosfera tad-dar ta' Nazaret: il-membri tagħha jqiegħdu lil Ġesù fin-nofs, miegħu huma jaqsmu l-ferħ u n-niket, iqiegħdu f'idejh il-ħtiġijiet u l-pjanijiet tagħhom, minnu jieħdu t-tama u s-saħħa biex ikomplu għaddejjin fil-mixja tal-ħajja" (RVM 41).

Ġwanni Pawlu II ħeġġiġna lkoll sabiex permezz tat-talba tar-rużarju "induru lura biex nitolbu għall-familja u biex nitolbu fil-familja" għax "il-familja li titlob flimkien tibqa' flimkien" (RVM 41). Huwa talab ukoll lil dawk li "ddedikaw ruħhom għall-kura pastorali tal-familji biex jirrikmandaw bil-qalb it-talba tar-rużarju" (RVM 41).

## "Teżor li għandna niskopru mill-ġdid"

Għal Ġwanni Pawlu II, ir-rużarju huwa "teżor li għandna niskopru mill-ġdid" (RVM 43). Għalhekk huwa għalaq din l-ittra appostolika tiegħu billi appella lil kulħadd fil-Knisja: "B'fiduċja erġgħu aqbdu f'idejkom ir-rużarju. Sibu mill-ġdid ir-rużarju fid-dawl tal-Iskrittura, bi qbil mal-Liturġija, u fil-kuntest tal-ħajja tagħkom ta' kuljum" (RVM 43).

Huwa ħeġġeġ lill-isqfijiet u lis-saċerdoti sabiex jagħmlu esperjenza personali tas-sbuħija tar-rużarju u jmexxu r-rużarju 'l quddiem b'konvinzjoni. Ħeġġeġ ukoll lit-teoloġi sabiex jgħinuna nifhmu aktar il-bażi biblika tar-rużarju u s-siwi spiritwali tiegħu. Ħeġġeġ lill-persuni fil-ħajja kkonsagrata biex ikunu persuni kontemplattivi u jikkontemplaw wiċċ Kristu flimkien ma' Marija. Lill-familja Nisranija, lill-morda u liż-żgħażagħ ħeġġiġhom ukoll biex jitolbu r-rużarju. Ġwanni Pawlu II talab: "Jalla dan l-appell tiegħi ma jaqax fuq widnejn torox!" (RVM 43).

## Arma Spiritwali

L-appostlu missierna San Pawl jgħallimna li, "il-ġlieda tagħna mhijiex kontra d-demm u l-laħam, imma kontra s-Setgħat, kontra l-Qawwiet, kontra l-Prinċpijiet ta' din id-dinja ta' dlamijiet, kontra l-ispirti ħżiena li jgħammru fil-wisa' tas-smewwiet", (Efes 6, 12) jeħtieġ li nagħtu widien għal kliem il-Papa Benedittu XVI waqt li kien qed isellem lill-pellegrini tal-lingwa Taljana fl-Udjenza ġenerali tas-6 t'Ottubru 2010, meta qalilhom: "Ir-rużarju huwa talba partikolari tal-Knisja u arma spiritwali għal kull wieħed minna".

F'din it-taqbida, San Pawl iħeġġiġna biex nitolbu: "Itolbu dejjem fl-Ispirtu, b'kull xorta ta' talb u f'kull ħtieġa, ishru fih bla ma tieqfu, u itolbu għall-ħtiġiet tal-qaddisin kollha" (Efes 6, 18). It-talba tar-rużarju issir tassew talba partikolari tal-Knisja!

Benedittu XVI qalilna wkoll li r-rużarju huwa "arma spiritwali". Dan għaliex ir-rużarju huwa talba mibnija fuq il-Kelma ta' Alla. Dwar il-Kelma, San Pawl jgħidilna:

"Aqbdu x-xabla tal-Ispirtu li hi l-kelma ta' Alla" (Efes 6, 17). F'dan id-dawl, ir-rużarju huwa tassew ix-xabla tal-Ispirtu!

Mis-smigħ tal-Kelma ta' Alla, titnissel il-fidi: "Il-fidi, mela, tiġi mis-smigħ, u s-smigħ mix-xandir tal-kelma ta' Kristu" (Rum 10, 17). Fit-taqbida tagħna kontra l-ħażen, il-fidi hija t-tarka tagħna: "Ħudu f'idejkom it-tarka tal-fidi li biha tistgħu titfu l-vleġeġ kollha tan-nar tal-ħażin" (Efes 6, 16). F'dan id-dawl, ir-rużarju huwa tassew it-tarka tagħna!

## IR-RUŻARJU u L-EWKARISTIJA

Minħabba li r-rużarju huwa talba biblika u minħabba r-rabta li teżisti bejn Ġesù u Marija, il-Knisja tagħraf li t-talba tar-rużarju tista' tkun ta' għajnuna waqt l-adorazzjoni Ewkaristika (ara id-*Direttorju dwar id-Devozzjonijiet Popolari u l-Liturġija*, 165). Għaldaqstant nirrikmanda li dan ir-rużarju jintalab fil-kuntest tal-adorazzjoni Ewkaristika.

## IR-RUŻARJU TAL-FAMILJA

Il-familja fi żminijietna tinsab taħt diversi attakki li jmorru kontra d-dinjità taż-żwieġ u l-familja, fosthom id-divorzju u l-abort. F'dan id-dawl u biex nagħtu widen għas-sejħa ta' Ġwanni Pawlu II ħalli nagħrfu r-rużarju – l-arma spiritwali tagħna – bħala talba biblika *tal*-familja u *għall*-familja, qed nipproponi ħames siltiet mill-Kelma ta' Alla li jxandrulna aspetti minn dak li nistgħu nsejħulu *l-Evanġelju tal-Familja*. Jekk dawn is-siltiet nitolbu bihom ma' Marija, l-Immakulata Kunċizzjoni u s-Sultana tal-Familja, fil-familji, fil-parroċċi, fl-għaqdiet u l-movimenti tagħna, dan ikun mezz biex bil-qawwa tat-talb, insaħħu l-familji tagħna u fl-istess ħin ninterċedu għall-familji kollha.

Il-familji li jagħmlu dan ikunu qed jilqgħu l-istedina tal-isqfijiet tagħna meta fl-ittra pastorali għar-Randan 2011, *Loġika ta' Alla – Loġika ta' Kristu*, kitbulna: "Iktar ma ż-żwieġ ta' koppja jkun sabiħ, iktar għandha tħossha msejħa biex tħares b'imħabba lejn dawk li qegħdin ibatu mill-falliment taż-żwieġ tagħhom u tagħti s-sehem tagħha biex tgħinhom". Din l-istess ittra huma għalquha hekk: "Naqsmu magħkom il-missjoni biex nitolbu lil Alla l-Missier, flimkien ma' Sidna Ġesù Kristu, bl-interċessjoni ta' Sidtna Marija, biex nibnu dan il-Pjan b'qima lejn Alla l-Missier". Jalla t-talba tar-rużarju tkun wieħed mill-mezzi biex inwettqu din il-missjoni.

# IR-RUŻARJU MQADDES

Fl-isem tal-Missier u tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu.  Ammen.

Alla tagħna, isma' t-talb tagħna,
eħles, għinna u ieqaf magħna.

Glorja lill-Missier, u lill-Iben, u lill-Ispirtu s-Santu,
kif kien fil-bidu, issa u dejjem,
u jibqa' għal dejjem ta' dejjem.  Ammen.

*Qabel it-tħabbira ta' kull misteru*

Marija Santissima wrina li inti ommna:
għalik jisma' t-talb tagħna,
dak li twieled għalina
u ried ikun bniedem bħalna.

O Ġesù tiegħi, aħfrilna dnubietna,
eħlisna min-nar tal-infern,
ħu l-ġenna 'l-erwieħ kollha,
l-aktar dawk li għandhom bżonn
tal-ħniena tiegħek.

*Wara r-riflessjoni ta' kull misteru*

Tintalab it-talba tal-*Missierna*, *Sliema* għal għaxar darbiet u *Glorja*.

**L-Ewwel Misteru**
Il-ħolqien tal-familja



Qari mill-Ktieb tal-Ġenesi
(Ġen 2, 7, 21-24; 1, 27-28)

Il-Mulej Alla sawwar il-bniedem mit-trab tal-art u nefaħlu fi mnifsejh nifs il-ħajja, u l-bniedem sar ħlejqa ħajja… U l-Mulej Alla tefa' nagħsa tqila fuq il-bniedem; u dan raqad. U ħadlu waħda minn kustiljieh u flokha mlih bil-laħam. U l-Mulej Alla sawwar il-kustilja, li kien ħa mill-bniedem, f'mara u ġiebha lill-bniedem. Imbagħad il-bniedem qal: "Din id-darba din hi għadma minn għadmi, u laħam minn laħmi, għalhekk tissejjaħ mara, għax mir-raġel ittieħdet hi." Għalhekk ir-raġel iħalli lil missieru u lil ommu u jingħaqad ma' martu u jsiru ġisem wieħed… Alla ħalaq il-bniedem fuq xbihietu, fuq xbihat Alla ħalqu, raġel u mara ħalaqhom. U berikhom Alla u qalilhom: "Nisslu u oktru, u imlew l-art".

Il-Kelma tal-Mulej
*Inroddu ħajr lil Alla*

Riflessjoni

Alla kellu pjan għaż-żwieġ u l-familja. Kien l-ikbar don li Alla ta lill-bniedem. Dan il-pjan kien ibbażat fuq id-dinjità ta' kull bniedem, raġel u mara, li tiġi mhux minn kultura iżda għax ġew maħluqin indaqs xbieha ta' Alla; id-don ta' Alla tal-mara lir-raġel u tar-raġel lill-mara; il-ġibda li poġġa fil-bniedem li mbagħad il-bniedem jeħodha f'idejh u jagħmilha mħabba stabbli – "ġisem wieħed". Dan il-pjan kollu sawru Alla biex permezz tiegħu jitwieldu bnedmin ġodda mdawrin minn din l-istabilità ta' mħabba fit-tnissil u t-trobbija tagħhom (ara Ġenesi kap 1 u 2). Tant huma marbutin ma' xulxin l-elementi kollha ta' dan il-pjan, li meta żwieġ jitkisser dan il-ġid jintilef.

Ittra Pastorali għar-Randan 2011
*Loġika ta' Alla – Loġika ta' Kristu*

Alla, bil-ħolqien tar-raġel u l-mara xbieha tiegħu, temm u wassal għall-perfezzjoni għemil idejh. Sejħilhom biex b'mod speċjali jissieħbu f'imħabbtu u f'setgħetu wkoll bħala Ħallieq u Missier, biex bit-tisħib ħieles u responsabbli tagħhom jingħata d-don tal-ħajja lill-bniedem. "Berikhom Alla u qalilhom: 'Nisslu u tkattru u imlew l-art, u aħkmu fuqha". Il-ħidma fundamentali tal-familja hi għalhekk is-servizz għall-ħajja biex tul il-ġrajja kollha tal-bniedem isseħħ il-barka mogħtija fil-bidu mill-Ħallieq ta' kollox u, permezz tat-tnissil, ix-xbieha ta' Alla tgħaddi minn bniedem għal ieħor.

Ġwanni Pawlu II,
*Familiaris Consortio*, 28

Talba

Nitolbuk Mulej Ġesù biex il-bnedmin kollha ta' rieda tajba jagħrfu d-don u s-sbuħija taż-żwieġ u biex tbierek lill-miżżewġin bid-don tal-ulied. Agħti d-dawl lis-soċjetà tagħna biex tgħożż u tiddefendi l-ħajja mill-mument tat-tnissil sal-mewt.

**It-Tieni Misteru**
Iż-żwieġ bħala għaqda li ma tinħallx



Qari mill-Evanġelju skont San Mattew
(Mt 19, 3-9)

Resqu fuqu xi Fariżej biex iġarrbuh, u qalulu: "Jista' wieħed jitlaq lil martu fuq xi ħaġa, tkun xi tkun?" Iżda hu qalilhom: "Ma qrajtux li sa mill-bidu l-Ħallieq għamilhom raġel u mara, u qal, "Minħabba f'hekk, raġel iħalli lil missieru u 'l ommu u jingħaqad ma' martu u t-tnejn isiru ġisem wieħed?' Għalhekk m'humiex iżjed tnejn, imma ġisem wieħed. Mela dak li għaqqad Alla ma għandux jifirdu l-bniedem." Qalulu: "Mela allura għaliex ordna Mosè li żewġha jagħtiha l-kitba tad-divorzju u jibgħatha?" Qalilhom: "Kien minħabba l-ebusija ta' qalbkom li Mosè takom il-permess tibagħtu n-nisa tagħkom. Iżda ma kienx hekk mill-bidu. U ngħidilkom, li min jibgħat lil martu - barra l-każ ta' żwieġ ħażin - u jiżżewweġ oħra jkun ħati ta' adulterju."

Il-Kelma tal-Mulej
*It-Tifħir lilek Kristu*

Riflessjoni

Ġesù ġie affrontat minn grupp ta' Fariżej li kellmuh fuq id-divorzju. Ġesù juri fit-tweġiba tiegħu li hu mweġġa'. Ir-raġuni tal-weġgħa tiegħu kienet tixbah lil dik ta' Alla fl-għażla li għamlu Adam u Eva. Il-Fariżej iktar emmnu li jistgħu jibnu soċjetà aħjar jekk tiġi bbażata fuq il-possibiltà tad-divorzju milli jekk tibniha fuq l-istabilità taż-żwieġ.

Erġajna għal deċiżjoni fundamentali għan-Nisrani: nemmen u nimxi fuq il-pjan u l-loġika ta' Alla fil-ħolqien għal għaqda sħiħa bejn raġel u mara li jsiru "ġisem wieħed", jew fuq il-loġika umana maqtugħa minn Alla li tinsab fit-tkissir ta' din l-għaqda permezz tad-divorzju? Ir-realtà ta' madwarna fejn soċjetajiet għażlu din il-loġika umana twassalna biex nieħdu deċiżjoni personali. Irridu naraw jekk soċjetà bid-divorzju tagħtix ġejjieni aħjar lis-soċjetà aktar milli tibniha madwar stabilità taż-żwieġ u tinvesti fiha biex tibniha.

F'dan, in-Nisrani ma għandux jibża' li jkun differenti minn ħsibijiet oħrajn għaliex jaf li, anki jekk ikun waħdu quddiem id-dinja, ma jkunx waħdu quddiem Alla. Hija ta'

konsolazzjoni kbira li jkun għamel din l-għażla quddiem Alla, anki jekk ikollu jħallas dan il-prezz.

Ittra Pastorali għar-Randan 2011
*Loġika ta' Alla – Loġika ta' Kristu*

Talba

Nitolbuk Mulej Ġesù biex, bl-interċessjoni ta' Marija, is-soċjetà tagħna tagħraf tipproteġi u tippromovi żwieġ li jibqa' għal dejjem skont il-pjan tiegħek għall-bniedem.

**Ir-Tielet Misteru**
Il-Maħfra fiż-żwieġ



Qari mill-Evanġelju skont San Ġwann
(Ġw 8, 3-11)

Il-kittieba u l-Fariżej ħadulu quddiemu waħda mara li kienet inqabdet fl-adulterju. Huma qegħduha fin-nofs u qalulu: "Mgħallem, din il-mara nqabdet fil-fatt fl-adulterju. Issa fil-Liġi tagħna Mosè ordnalna biex nisa bħal dawn inħaġġruhom. Int, imma, xi tgħid?" Dan qaluhulu biex iġarrbuh, ħalli jkollhom fuqiex jixluh. Imma Ġesù tbaxxa lejn l-art u beda jikteb b'sebgħu fit-trab. Billi dawk baqgħu jistaqsuh, qam dritt u qalilhom: "Min fostkom hu bla dnub jitfgħalha hu l-ewwel ġebla." U raġa' tbaxxa jikteb fit-trab. Kif semgħuh jgħid dan, qabdu u telqu wieħed wara l-ieħor, ibda mix-xjuħ, u Ġesù baqa' waħdu mal-mara, wieqfa fin-nofs. Qam dritt u qalilha: "Dawk fejnhom, mara? Ħadd minnhom ma kkundannak?" "Ħadd, Sinjur," qaltlu. "Mela anqas jien ma nikkundannak," qalilha Ġesù. "Mur, u mil-lum 'il quddiem tidnibx iżjed."

Il-Kelma tal-Mulej
*It-Tifħir lilek Kristu*

Ġesù, li ġie mibgħut mingħand Alla l-Missier f'din id-dinja li hija imperfetta, għallimna u wriena li iktar ma ppriedka dan il-pjan ta' Alla f'kollox, iktar kien juri l-imħabba tiegħu lejn dawk li jfallu fih biex ikunu jistgħu jirritornaw lejn it-tajjeb. Meta Ġesù lill-mara li nqabdet fl-adulterju ma kkundannahiex imma qalilha biex ma tidnibx iżjed, hu juri l-imħabba ta' Alla l-Missier lejn dawk li jonqsu biex jagħtihom ċans ħalli jerġgħu jittamaw fih.

Ittra Pastorali għar-Randan 2011
*Loġika ta' Alla – Loġika ta' Kristu*

Talba

Nitolbu Mulej Ġesù għal dawk li jħossuhom ittraduti u mweġġgħin fiż-żwieġ biex jirċievu l-fejqan tiegħek ħalli jkunu jistgħu jagħtu l-maħfra. Nitolbuk ukoll għal dawk li weġġgħu lil ħaddieħor biex jindmu, jirċievu l-maħfra tiegħek u jitolbu maħfra lil min weġġgħu.

**Ir-Raba' Misteru**
Marija: Omm u Sultana tal-Familja



Qari mill-Evanġelju skont San Ġwann
(Ġw 19, 25-27)

Kien hemm wieqfa ħdejn is-salib ta' Ġesù ommu, oħt ommu, Marija ta' Kleofa, u Marija ta' Magdala. Mela kif Ġesù lemaħ lil ommu u lid-dixxiplu li kien iħobb wieqaf ħdejha, qal lil ommu: "Mara, hawn hu ibnek." Imbagħad qal lid-dixxiplu: "Hawn hi ommok." U minn dak il-ħin id-dixxiplu ħadha għandu.

Il-Kelma tal-Mulej
*It-Tifħir lilek Kristu*

Riflessjoni

Il-vera devozzjoni lejn il-Madonna, li tidher fir-rabta sħiħa u fix-xebh bil-qalb kollha mal-imġieba spiritwali tal-Verġni Mqaddsa, issir strument mill-aqwa li jżomm sħiħa l-għaqda fl-imħabba tal-familja u jġib 'il quddiem l-ispiritwalità tal-miżżewġin u tal-familja. Marija, Omm Kristu u Omm il-Knisja, hi wkoll b'mod speċjali Omm il-familji Nsara, Omm il-knejjes tad-dar.

*Familiaris Consortio*, 61
Ġwanni Pawlu II

Talba

Mulej Ġesù, għinna nilqgħu lil Marija bħala l-omm u s-sultana tal-familji tagħna. Agħmel li nimxu fuq l-eżempju tagħha fil-ħajja ta' Nazaret. Nafdaw taħt il-ħarsien tagħha l-familji kollha. Bl-interċessjoni ta' Marija, nitolbuk biex fil-ħniena tiegħek tiġbed lura lejk dawk il-membri tal-familji tagħna li tbiegħdu minnek.

**Il-Ħames Misteru**
L-Ewkaristija u l-Familja



Qari mill-Evanġelju skont San Mattew
(Mt 26, 26-28)

Huma u jieklu, Ġesù ħa l-ħobż f'idejh, qal il-barka, qasmu, newlu lid-dixxipli u qal: "Ħudu, kulu, dan hu ġismi." Imbagħad ħa l-kalċi f'idejh, radd il-ħajr, newlilhom il-kalci u qal: "Ixorbu lkoll minnu. Għax dan huwa demmi, id-demm tal-Patt, li jixxerred għall-kotra għall-maħfra tad-dnubiet."

Il-Kelma tal-Mulej
*It-Tifħir lilek Kristu*

Riflessjoni

L-Ewkaristija hi tassew Sagrament tal-għaġeb. Fiha Kristu ħallielna lilu nnifsu bħala ikel u xorb tagħna, għajn ta' qawwa għas-salvazzjoni. Ħallielna lilu nnifsu biex ikollna l-ħajja u ħajja bil-kotra (ara Ġw 10, 10): il-ħajja li hemm fih u li hu tana bid-don tal-Ispirtu meta qam mill-imwiet wara tlett ijiem. Il-ħajja li tiġi minnu hi l-ħajja għalina. Hi għalikom, għeżież miżżewġin, ġenituri u familji! Mhux f'kuntest ta' familja waqqaf l-Ewkaristija fl-Aħħar Ikla tiegħu? Meta tiltaqgħu għall-ikel u tkunu flimkien, Ġesù hu fil-qrib. U wisq aktar hu l-Għimmanu-el, Alla magħna, meta tersqu lejn il-mejda tal-Ewkaristija. Jista' jiġri, kif ġara f'Għemmaus, li tagħrfuh biss fil-"qsim tal-ħobż" (ara Lq 24, 35). Jiġri wkoll li jkun ilu ħdejn il-bieb iħabbat, jistenna li jinfetaħlu l-bieb biex jidħol u joqgħod jiekol magħna (ara Apok 3, 20). Fl-Aħħar Ikla tiegħu, il-kliem li ntqal dakinhar għad għandu l-qawwa u l-għerf tas-sagrifiċċju tas-Salib. Ma hemmx qawwa u għerf ieħor, li bihom nistgħu niġu salvati u bihom ngħinu għas-salvazzjoni tal-oħrajn. Ma hemmx qawwa oħra u għerf ieħor li bihom intom il-ġenituri tistgħu tedukaw 'l uliedkom u lilkom stess ukoll. Il-qawwa edukattiva tal-Ewkaristija titwettaq min-nisel għal nisel tul iż-żminijiet.

*Ittra lill-Familja*, 18
Gwanni Pawlu II

Talba

Nitolbuk Mulej Ġesù biex il-familji tagħna jissaħħu bil-qawwa tiegħek fl-Ewkaristija Mqaddsa. Agħmel li l-Ewkaristija tkun tassew il-qawwa tal-imħabba vera f'kull familja.

**Salve Regina**

Sliem għalik, Sultana,
Omm tal-ħniena,
ħajja, ħlewwa u tama tagħna, sliem għalik.
Lilek ngħajtu,
aħna tturufnati, ulied Eva.
Lilek nitniehdu, aħna li nibku u nolfqu
F'dan il-wied tad-dmugħ.
Ejja, mela, avukata tagħna,
Dawwar lejna dawk l-għajnejn tiegħek ta' ħniena.
Urina, wara dan it-turufnament,
Lil Ġesù, frott imbierek tal-ġuf tiegħek.
O ħanina, o pija, o ħelwa Verġni Marija.

Itlob għalina qaddisa Omm Alla
*Biex ikun jistħoqqilna dak li wegħedna Kristu.*

**Skont il-fehma tal-Papa**

Missierna, Sliema u Glorja.

**Għall-erwieħ tal-Purgatorju**

Agħtihom O Mulej il-mistrieħ ta' dejjem. Id-dawl ta' dejjem jiddi fuqhom. Jistrieħu fis-sliem. Ammen.

**Litanija tal-Madonna**

Mulej ħniena,
Mulej ħniena
Kristu ħniena,
Kristu ħniena
Mulej ħniena,
Mulej ħniena
Kristu ismagħna,
Kristu ismagħna
Kristu ilqa' t-talb tagħna,
Kristu ilqa' t-talb tagħna
Missier Etern Alla,
ħenn għalina
Iben Alla li fdejt id-dinja,
ħenn għalina
Spirtu s-Santu Alla,
ħenn għalina
Trinità Qaddisa Alla wieħed,
ħenn għalina
Imqaddsa Marija,
itlob għalina

Imqaddsa Omm Alla,
itlob għalina
Imqaddsa Xebba tax-Xbejbiet,
itlob għalina
Omm ta' Kristu,
itlob għalina
Omm il-Knisja,
itlob għalina
Omm tal-Grazzja t'Alla,
itlob għalina
Omm l-iżjed safja,
itlob għalina
Omm l-iżjed nadifa,
itlob għalina
Omm u xebba,
itlob għalina
Omm bla tebgħa,
itlob għalina
Omm li tisħoqq l-imħabba,
itlob għalina
Omm tal-għaġeb,
itlob għalina
Omm tal-parir it-tajjeb,
itlob għalina
Omm ta' min ħalaqna,
itlob għalina
Omm ta' min salvana,
itlob għalina
Xebba kollok għaqal,
itlob għalina
Xebba li tisħoqq kull qima,
itlob għalina
Xebba li tisħoqq kull foħrija,
itlob għalina
Xebba kollok setgħa,
itlob għalina
Xebba kollok ħniena,
itlob għalina
Xebba dejjem marbuta m'Alla,
itlob għalina
Mera tal-qdusija,
itlob għalina
Tron tal-għerf,
itlob għalina
Bidu tal-ferħ tagħna,
itlob għalina
Għamara tal-Ispirtu s-Santu,
itlob għalina
Għamara ta' kull grazzja,
itlob għalina
Għamara ta' kull tjieba,
itlob għalina

Warda mistika,
itlob għalina
Torri ta' David,
itlob għalina
Torri tal-avorju,
itlob għalina
Dar tad-deheb,
itlob għalina
Arka tar-rabta l-ġdida,
itlob għalina
Bieb tas-sema,
itlob għalina
Kewkba ta' filgħodu,
itlob għalina
Saħħa tal-morda,
itlob għalina
Kenn tal-midinbin,
itlob għalina
Faraġ tal-imnikktin,
itlob għalina
Għajnuna tal-Insara,
itlob għalina
Sultana tal-Anġli,
itlob għalina
Sultana tal-Patrijarki,
itlob għalina
Sultana tal-Profeti,
itlob għalina
Sultana tal-Appostli,
itlob għalina
Sultana tal-Martri,
itlob għalina
Sultana tal-Konfessuri,
itlob għalina
Sultana tal-Verġni,
itlob għalina
Sultana tal-Qaddisin kollha,
itlob għalina
Sultana mnissla mingħajr l-ewwel tebgħa,
itlob għalina
Sultana mtellgħa s-sema,
itlob għalina
Sultana tar-Rużarju Mqaddes,
itlob għalina
Sultana tal-Familja,
itlob għalina
Sultana tal-Paċi,
itlob għalina

Ħaruf ta'Alla li tneħħi d-dnubiet tad-dinja,
aħfrilna, nitolbuk Mulej.
Ħaruf ta'Alla li tneħħi d-dnubiet tad-dinja,
ismagħna, nitolbuk Mulej.
Ħaruf ta'Alla li tneħħi d-dnubiet tad-dinja,
ħenn għalina.

O Alla, li l-Iben il-waħdieni tiegħek bil-ħajja, il-mewt u l-qawmien tiegħu, qalgħalna l-premju tal-ħajja ta' dejjem, agħtina nitolbuk, li aħna u naħsbu fil-misteri tar-rużarju mqaddes tal-Verġni Marija, nimxu fuq kulma fihom u naqilgħu kulma jwiegħdu. Bi Kristu Sidna. Ammen.

# KONSAGRAZZJONI TAL-FAMILJA
# LILL-QLUB TA' ĠESÙ U MARIJA

## Talba tal-Konsagrazzjoni

ispirata minn Ġwanni Pawlu II
(għeluq il-*Familiaris Consortio*)

Ġesù, Marija u Ġużeppi, familja mqaddsa ta' Nazaret, lilkom nafdaw kull familja f'Malta u Għawdex.

San Ġużepp, inti "r-raġel ġust" u ħaddiem dejjem sejjer li ħarist b'mod l-aktar xieraq lil Ġesù u Marija, ħares, iddefendi u dawwal 'il-familji kollha tagħna.

Marija, Omm il-Knisja, kun ukoll Omm "il-Knisja tad-dar" u bl-għajnuna tiegħek ta' omm, agħmel li kull familja ssir verament "Knisja ċkejkna" li turi u tgħix il-misteru tal-Knisja ta' Kristu.

Marija, il-Qaddejja tal-Mulej, kun inti ta' eżempju għall-familji biex jilqgħu bl-umiltà u l-ġenerożità kollha r-rieda ta' Alla.

Marija, l-Omm imnikkta ħdejn is-Salib, farraġ fit-tbatija u xxotta d-dmugħ ta' dawk li qegħdin ibatu minħabba d-diffikultajiet tal-familji tagħhom.

Mulej Ġesù, Sultan tal-ħolqien kollu u Sultan tal-familji, saltan inti f'kull familja Nisranija bħalma kont f'Kana, ħalli tagħti 'l-familji Maltin u Għawdxin id-dawl, il-hena, il-ferħ u l-qawwa.